# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Philip D'Amato**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Philip D'Amato**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 2267M li permezz tagħhom ġie akkużat talli fit-23 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tat-08:00 u fil-ġranet ta' wara iddepożita boroż, kaxxi użati, xkejjer u materjal ieħor ta' skart qrib skips ċjoe' bring in sites li jinsabu fi triq il-Ġdida fi Triq Kandlora, Ħaż-Żebbuġ, fi Triq tal-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ u fi Triq Luigi Fontana, Ħaż-Żebbuġ, waqt li kien qiegħed jagħmel użu minn vettura bin-numru JAC 107 tal-għamla Peugoet.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'kull każ ta' ħtija tissekwestra l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAC 107 li ntużat fir-reat.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat:-</u>***

Illi f'dan il-każ ix-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni kienet Krystal Marie Caruana. Din kienet xhud li xehdet b'mod ċar li mhux biss rat lill-imputat identifikat bħala dak li kien qiegħed isuq il-vettura talli wkoll irrakkontat kif kienet rat lill-imputat iqabbad tifel biex jarmi boroż biż-żibel minn ġol-vettura għal barra. Dix-xhud irriferiet għal dawn il-boroż kemm bħala boroż li fihom skart domestiku kif ukoll bħala boroż ta' Paceville li kienu ħafna fin-numru u kienu partikolari in kwantu kienu bojod u trasparentiu fejn il-kontenut tagħhom kien jikkonsisti fi fliexken u żibel ieħor. Semmiet ukoll kif hi kienet viċin xi sitt metri l-bogħod mill-imputat u ratu jagħmel dan kollu. Kien hemm ukoll episodju fejn ratu jqabbad tifel jerġa jiġbor iż-żibel minn fejn kien tefgħu biex wara biss xi għaxar minuti reġgħa rema dan l-istess żibel band'oħra f'Ħaż-Żebbuġ.

***Ikkunsidrat : -***

Illi d-Difiża tenniet li :

(1) x-xhud Caruana ma ratx lill-imputat jarmi ż-żibel;

(2) li l-*actus reus* ma kienx jeżisti f'dan il-każ;

(3) kif ukoll li x-xhud Caruana assumiet li kien l-imputat li rema' ż-żibel.

Illi minn dak li semgħet u għarblet, anke bil-mezz tal-kriterja stabbiliti mill-Artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat wettaq ir-reat addebitat lilu skont il-komparixxi, almenu fir-rigward tal-episodju tat-23 ta' Ġunju 2015. Caruana tgħid li kienet xi sitt metri l-bogħod minnu meta l-imputat beda jitfa' l-iskart mal-iskips. Dawn huma reati ta' natura kontravvenzjonali, *technical offences*, fejn dak li jrid jiġi pruvat huwa l-volontarjeta tal-att, u l-att innisfu sabiex jiġi integrat ir-reat.

L-iskart ma jistax jiġi mormi **<u>ħdejn</u>** skip iżda **<u>ġewwa</u>** skip. Jekk jiġi mormi xkart ħdejn skip, volutament, allura r-reat ikun integrat.

Il-Qorti rat ukoll it-talba li saret mill-Prosekuzzjoni sabiex issir il-konfiska tal-vettura Peugoet li kien qiegħed isuq l-imputat u li biha ġie imwettaq ir-reat. Din il-Qorti tqis li din it-talba ma tistax tirnexxi għar-raġunijiet segwenti : -

Skont is-sentenza *Il-Pulizija vs Raymond Caruana* deċiża mil-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono nhar is-16 ta' Diċembru 2003 ma tistax issir konfiska ta' vettura jekk jirriżulta li

kien hemm xi terz li kellu jedd fuq il-vettura użata u l-istess terz ma jkunx ħa sehem fit-twettieq tad-delitt. Issa f'dan il-każ, jirriżulta mill-affidavit ta' PS 1585 li l-vettura in kwistjoni hija reġistrata f'isem Mariosa Chircop. Din Chircop minn imkien mill-provi ma tidher li ffigurat fil-kommissjoni tar-reat de quo. B'hekk il-konfiska fuq dan il-punt biss ma tistax tirnexxi.

Biss hemm punt ieħor li jservi t'ostaklu għall-konfiska mitluba u dan joħroġ mid-dettami tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża *Il-Pulizija vs Joseph Manicaro* deċiża mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano nhar l-1 ta' Novembru 1996 fejn ġie deċiż li sabiex il-konfiska tirnexxi l-oġġett irid ikun ġie eżibit formalment jew materjalment u jiġi identifikat a sodisfazzjoni tal-Qorti bħala l-istess oġġett elevat jew bħala l-oġġett imsemmi fl-imputazzjoni fil-każ t'ammissjoni. F'dan il-każ ma jirriżultax l-anqas li l-vettura in kwistjoni ġiet formalment jew materjalment eżibita fl-atti tal-Qorti u għal din ir-raġuni wkoll mhux possibbli li tiġi konfiskata.

## *Decide*

Li wara li rat ir-regolamenti 4 u 10(1) tal-L.S. 504.67 u l-Artikoli 121(2)(i)(ii) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda ssib lill-imputat Philip D'Amato ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal ammenda komplessiva ta' mitt euro (€100).

Inoltre għar-raġunijiet aktar il-fuq imsemmija il-Qorti mhix qegħda tilqa' t-talba tal-prosekuzzjoni għall-konfista tal-vettura tal-għamla Peugoet bin-numru tar-reġistrazzjoni JAC 107.

***23.x.2015,***
***Qrati tal-Ġustizzja,***
***Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***